**NAXXAR**

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

SEDUTA NRU. 11 – IT-TLIETA, 1 TA’ SETTEMBRU 2015

Il-Kumitat iltaqa’ fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Alfreda Abela | Membru |
| | Joe Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħa numru 10 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

### 2. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON

2.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-mera li għandha ssir fi Triq id-Dwieli wara li din sfat imkissra filwaqt li l-arblu ttieħed minn terza persuni. Il-Kunsill għarraf lis-Sinj. Cuomo li l-mera waslet fl-uffiċini tal-Kunsill filwaqt li saret Works Order lill-ħaddiema.

2.2. Is-Sinj. Cuomo b’dispjaċir infurmat lill-Kunsill li Ġnien Santa Marija tal-Anġli għadu mitfi. Dan wara li l-Kunsill kien irrapporta l-ħsara għal aktar minn darba lill-uffiċjali nkarigati.

2.3. Iċ-*Chairperson* qalet li hemm tabella b’indikazzjoni fejn hija l-Knisja ta’ Baħar iċ-Ċagħaq fil-bidu ta’ Triq Anton Manwel Caruana minn Triq ir-Ridott li bjadet għal kollox. Għaldaqstant hija talbet lill-Kunsill sabiex jagħmel oħra flokha.

2.4. Is-Sinj. Cuomo avżat lill-kumplament tal-membri li s-Sinj. Vella sejra Spanja bħala parti mill-proġett ta’ Authentic Europe flimkien ma’ rappeżentanti oħra tal-Kunsill Lokali In-Naxxar. Din is-safra se sseħħ f’Settembru 2015.

### 3. RAPPORT FINANZJARJU

3.1. Il-Kumitat Amministrattiv ġie ppreżentat bir-rapport finanzjarju, li jibqa’ sejjer sa Awwissu 2015.

### 4. ATTIVITÀ TAL-MILIED

4.1. Iċ-*Chairperson* infurmat li d-dipartiment se jagħti xi flus għall-attivitajiet kulturali li se jsiru f’Diċembru 2015.

4.2. Fost l-attrazzjonijiet li semmew il-membri li jixtiequ li jkunu parti mill-attivitá, nsibu l-attrazzjoni tat-train, Santa Klaws u t-taħdida qasira tal-aħħar.

4.3. Is-SE ssuġġerixxa li fl-aħħar tal-attività, jiġi allokat ftit ħin għal taħdida fuq x'inhu l-Milied.

4.4. Sar ftehim li ssir laqgħa bejn is-sotto kumitat tal-attivitajiet, min jieħu ħsieb il-katekiżmu, s-Sur Saviour Zammit u Fr Paul Attard sabiex jaraw kif se jorganizzaw din l-attività bl-aħjar mod.

**5. KLASSIJIET TAL-FITNESS**

5.1. Is-Sinj. Vella qalet li hemm il-ħsieb li jiġu organizzati klassijiet tal-attività fiżika min-nofs Ottubru 2015 'il quddiem.

5.2. Bħala kors mhux tas-soltu ssemma is-*Circuit Training*. F'dan id-dawl il-membri se jippruvaw isibu għalliem/a.

**6. ĦWEJJEĠ OĦRA**

6.1. Is-Sinj. Muscat semmiet bozza li qiegħda tixgħel u titfi. Din tinsab fi Triq l-Iskall kantuniera ma' Triq ir-Ridott.

6.2. Is-Sinj. Muscat staqsiet f'hiex kienu waslu t-tabelli tat-tismija tat-toroq. Is-SE nforma lill-membri li x-xogħol qiegħed fil-proċess. Il-Kunsill qiegħed jistenna xi materjal li bħalissa mhux *in stock*.

6.3. Is-Sinj. Muscat qalet li għandha ppjanat li fit-22/9/2015 torganizza ġita lejn Għawdex. Aktar dettalji dwar dan, se jkunu mgħarfa 'il quddiem.

6.4. Is-Sinj. Vella qalet li hija tal-fehma li l-Kunsill jikteb lill-Ministeru dwar il-qagħda tal-ġnien Santa Marija tal-Anġli minħabba l-problema tad-dawl u l-kundizzjoni tal-apparat tal-bandli. Dan wara li l-Kunsill ħa ħsieb jiġbed l-attenzjoni tal-uffiċjala nkarigata iżda wara ġimgħat sħaħ baqa' ma sar xejn. F'dan id-dawl issemma s-Sur Robert Buhagiar.

6.5. Is-Sur Bonello ressaq talba quddiem il-Kumitat sabiex issir bozza ġdida ma' arblu fi Triq id-Dwieli.

6.6. Kien hemm qbil unanimu dwar din it-talba.

6.7. Inġibdet l-attenzjoni li allegatament sidt id-dar ta' Corner Way fi Triq l-Imsaqqfin Baħar iċ-Ċagħaq mhix qiegħda timxi mal-programm tal-ġbir tal-iskart. F'dan id-dawl il-Kunsill ġie mitlub sabiex jibagħtilha ittra sabiex, jekk hu l-każ, tgħarraf tirregola ruħha.

**7. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS**

7.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar It-Tlieta 6 ta' Ottubru, 2015 għal-5:30pm.

7.2. Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |